# HIJA RELIĠJON WAĦDA, JEW KNISJA, TAJBA DAQS OĦRA?

Minn
George Ebejer

# HIJA RELIĠJON WAĦDA, JEW KNISJA, TAJBA DAQS OĦRA?

Hija reliġjon waħda jew knisja tajba daqs oħra? Din il-mistoqsija ta' spiss jagħmluha nies sinċiera, nies onesti li jkunu jridu tassew jafu l-verità. Hemm ħafna nies tajba li jemmnu li knisja jew aħjar reliġjon waħda hija tajba daqs reliġjon oħra, u lir-reliġjonijiet huma kollha ndaqs tajbin u skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u li aħna nistgħu nkunu salvi f'kull waħda minnhom, jew inkella f'ebda waħda minnhom. Fid-dinja reliġjuża tal-lum hemm ħafna reliġjonijiet. Kemm il-Protestantiżmu u kemm il-Kattoliċiżmu, it-tnejn huma maqsuma f'denominazzjonijiet differenti, u kull waħda minnhom hija kkaratterizzata b'isem distint, b'tagħlim partikulari, b'duttrina differenti, b'forma ta' organizzazzjoni, u tip ta' qima għaliha u differenti minn kull denominazzjoni oħra.

Iżda, hemm ħafna nies tajba fid-dinja reliġjuża li ma jemmnux li reliġjon hija tajba daqs oħra. Dawn in-nies jemmnu lid-denominazzjonijiet moderni bid-diviżjonijiet kollha tagħhom, bit-tagħlim u l-prattika differenti tagħhom mhumiex f'armonija mat-tagħlim ta' Kristu u ma jistgħux ikunu ġġustifikati permezz ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Ħafna jemmnu li, għalkemm denominazzjoni hija tajba daqs oħra, l-ebda denominazzjoni magħ-mula mill-bniedem ma tista' tkun imqabbla mal-Knisja ta' Sidna Ġesù Kristu. Huwa fatt, kemm mill-Bibbja kif ukoll mill-istorja, li l-knisja ta' Ġesù Kristu kienet mibdija u bdiet teżisti fid-dinja sekli qabel ma l-Kattoliċiżmu Ruman u l-Protestantiżmu kienu magħrufa, u qabel mad-dixxipli

ta' Kristu nqasmu f'denominazzjonijiet differenti b'tagħlim li ma jaqbilx ma' ta' xulxin, u b'duttrina u prattika differenti minn ta' xulxin.

Bħala tweġiba għall-mistoqsija li għamilt fil-bidu, "Hija reliġjon jew knisja waħda tajba daqs reliġjon oħra?" aħna nenfasizzaw dan il-fatt importanti. *Hemm reliġjon jew knisja waħda*. Dan hu mgħallem mit-Testment il-Ġdid li huwa l-Kelma Divina ta' Alla. Din hija duttrina li mhix popolari imma hija l-verità. Ġesù qal,

> "*U fuq din il-blata jiena nibni **l-knisja tiegħi***" (Mattew 16:18; enfasi tiegħi).

Ġesù ma wiegħedx li se jibni denominazzjonijiet diffe-renti imma **knisja waħda**! Din hija l-ġisem universali ta' Kristu. Din għadha teżisti fid-dinja kollha u tinkludi lil dawk kollha li huma salvi. Kristu ma ħalaqx għaqdiet, imma bena *l-knisja Tiegħu*. Luqa qal hekk meta kiteb il-ktieb ta' Atti,

> "*U l-Mulej kien kuljum iżid lill-Knisja dawk li jkunu salvi*" (Atti 2:47)

Hawn għandna l-ewwel rakkont ta' nies li ġew miżju-da fil-knisja mill-Mulej Innifsu. Fil-Jum ta' Pentekos-te, dawn in-nies semgħu l-Kelma ta' Alla, emmnu f'Ġesù bħala l-Iben ta' Alla, nidmu minn dnubiethom, u kienu mgħammda għall-maħfra ta' dnubiethom. Me-ta dawn aċċettaw il-kondizzjonijiet għas-salvazzjoni, huma kisbu l-maħfra ta' dnubiethom u l-Mulej żied-hom fil-knisja Tiegħu.

Innota minn din is-silta li l-Mulej ma żidhomx fi knisja jew denominazzjoni kwalinkwe. Allura, dan,

b'mod l-aktar ċar ifisser li kien *hemm knisja waħda* fejn ma kienet teżisti ebda denominazzjoni dak in-nhar. Innota wkoll li dawk li kienu salvi ma ssieħbux mal-knisja li għażlu huma, u dan għaliex ma kienx hemm għażla, sakemm kien hemm knisja *waħda* biss. Illum, meta n-nies tobdi l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja mqaddsa, kif obdew dawk in-nies fil-Jum ta' Pentekoste, dawn jiġu *miżjud*, mhux f'xi denominazzjoni imma, fil-Knisja oriġinali ta' Kristu. Aħna naqraw fl-Ewwel Korintin 12:13,

> "*Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsier sew ħieles, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed.*"

Innota hawn li lkoll konna mgħammdin f'ġisem *wieħed*. Il-ġisem hu l-Knisja (Ara Efesin 1:23). Hemm ġisem *wieħed* (Efesin 4:4), għalhekk hemm knisja waħda. Huwa skond it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid u skond il-pjan oriġinali tal-Mulej li kulħadd ikun f'ġisem *wieħed* jew fi Knisja waħda. L-istess magħmudija Skritturali li tqiegħed persuna fi Kristu, fejn tinsab is-salvazzjoni, tpoġġina fil-ġisem wieħed jew fil-knisja ta' Kristu (Galatin 3:26-27; 1 Korintin 12:13).

F'Efesin 2:16 naqraw,

> "*U jħabbibkom it-tnejn ma' Alla* ***f'ġisem wieħed*** *permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejnietna*" (enfasi tiegħi).

Minn dan nitgħallmu li Ġesù, permezz tal-mewt Tiegħu fuq is-salib, għaqqad kemm lil-Lhud u kemm lill-Griegi Fih, u ħabbibhom f'ġisem *wieħed.* Aħna m'aħniex mgħammdin f'ħafna reliġjonijiet jew knejjes, lanqas ma aħna rrikonċiljati f'ħafna iġsma! It-Testment il-Ġdid igħallem li aħna mgħammdin u rrikonċiljati f'ġisem *wieħed.* L-appostlu Pawlu jgħid f'Kolossin 3:15,

> "*Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru* ***ġisem wieħed***" (enfasi tiegħi).

Innota li f'dawn l-espressjonijiet hemm biss *ġisem wieħed.* F'armonija ma' dan, l-appsotlu Pawlu jinfurmana f'Efesin 4:4-6,

> "*Hemm* ***ġisem wieħed****, u Spirtu wieħed..., Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda...Alla wieħed*" (enfasi tiegħi).

Billi nistaqsu l-mistoqsija, "Hija reliġjon jew knisja tajba daqs kwalunkwe waħda?" aħna nistgħu nistaqsu wkoll "allura "Alla *wieħed* hu tajjeb daqs kull alla ieħor?" "Mulej *wieħed* hu tajjeb daqs kull mulej ieħor?" U "Spirtu *wieħed* hu tajjeb daqs kull spirtu ieħor?" Jew "fidi *waħda*, tama *waħda* magħmudija *waħda* huma l-istess bħal oħrajn?" L-istess passaġġ li jiddikjara li ma hemmx ħlief Alla *wieħed*, Mulej *wieħed*, Spirtu *wieħed*, tama *waħda*, fidi *waħda*, u *magħmudija waħda*, jiddkjara wkoll li hemm biss **ġisem wieħed**. F'Efesin 3:6 l-appostlu Pawlu jgħal-

lem li hi l-fehma ta' Alla li l-mifdija kollha, kemm Lhud kif ukoll Griegi, għandhom ikunu membri ta' "l-istess ġisem." Il-Mulej ma waqqafx knejjes differenti bi twemmin ma jaqbilx ma' ta' xulxin, duttrini differenti u forom differenti ta' qima. Lanqas Hu ma kellu l-fehma lid-dixxipli Tiegħu jingħaqdu ma' denominazzjonijiet differenti. Dawn l-affarijiet bdew jeżistu sekli wara ż-żmien tat-Testment il-Ġdid u kienu r-riżultat ta' tbegħid mit-tagħlim tal-Bibbja u l-prattika tal-knisja appostolika.

Il-fatt li hemm knisja waħda huwa ppruvat mit-tagħ-lim ta' l-appostlu Pawlu fl-Ewwel Korintin, kapitlu tnax. Hawn, Pawlu jqabbel il-knisja ma' ġisem fiżiku. Hu jargumenta li fi stat fiżiku hemm ras *waħda*, u ġisem *wieħed*, u ħafna membri. Fi stat spiritwali, Kristu Hu r-Ras, u l-ġisem huwa l-knisja, u l-Kristjani huma l-membri. Jekk hemm aktar minn knisja waħda, allura Kristu għandu aktar minn ġisem wieħed, għaliex il-ġisem hu l-knisja. Aħna għandna ġisem uman wieħed, ras waħda u ħafna membri. Ras waħda, ġisem wieħed, ħafna membri—dan u l-pjan fi stat fiżiku, u huwa l-pjan tal-Mulej f'li stat spiritwali. Denominazzjonijiet ma jistgħux ikunu friegħi tal-knisja vera ta' Kristu, sakemm kull waħda tippretendi li hija ġisem distint fiha nfisha. Il-Kelma ta' Alla, permezz ta' Pawlu, defi-nittivament tgħidilna li hemm ġisem *wieħed*. Li targumenta li hemm aktar minn knisja waħda, jew li knisja hija tajba daqs oħra, b'dan tkun qiegħed twaqqa' jew tkun qiegħed tkisser l-argument. Tkun monstrożità, fi stat fiżiku, jekk persuna jkollha aktar minn ras waħda u ġisem wieħed,

jew il-kontra. Fi stat spiritwali hemm ras waħda biss tal-knisja, Ġesù Kristu. Hemm ġisem *wieħed biss*, il-knisja. Il-knisja mhix maqsuma f'biċ-ċiet minn figuri, denominazzjonijiet u partijiet mill-knisja, iżda l-Kristjani ndividwali huma l-membri, li jgħaqqdu l-ġisem waħdani. Il-ġisem waħdani huwa l-knisja ta' Kristu mxerrda mad-dinja kollha. La hija dik Kattolika Rumana, Protestanta u lanqas ma hija xi waħda mill-ħafna denominazzjonijiet l-oħra kollha li jeżistu llum, billi din kienet teżisti wisq qabel ma xi waħda minn dawn kienu fl-eżistenza.

Mhux biss tgħallem il-Bibbja li hemm knisja waħda biss, imma tiddikjara li kulħadd għandu jkun f'dan il-ġisem waħdani, il-knisja ta' Kristu. Is-salvazzjoni hija f'dan il-ġisem uniku. Atti 2:47 jgħidilna,

> "*U l-Mulej kien kuljum iżid lill-knisja dawk li jkunu salvi.*"

Il-Mulej iżidna fil-knisja Tiegħu meta aħna nkunu salvi, u għaliex aħna salvi. F'Efesin 2:16 l-appostlu Pawlu jgħallem li aħna rrikonċiljati f'ġisem wieħed. Jekk ġejna rrikonċiljati ma' Alla, aħna qegħdin fil-ġis-em wieħed. Dan il-ġisem huwa l-knisja. Allura, jekk aħna rrikonċiljati, aħna qegħdin fil-knisja l-waħda. Jekk m'aħniex f'dak il-ġisem uniku, u dan hu għaliex aħna m'aħniex irrikonċiljati ma' Alla! Pawlu jgħallem li aħna mgħammdin "f'ġisem wieħed" (1 Korintin 12: 13). Jekk aħna m'aħniex f'dak il-ġisem uniku jew knisja, allura aħna ma konniex mgħammdin fi Kristu. Jekk, allura aħna konna mgħammdin fi Kristu, allura qegħdin f'dan il-ġisem uniku. Ma nistgħux inkunu fi

Kristu u barra mill-Knisja Tiegħu, u lanqas ma nistgħu nkunu fil-knisja u m'aħniex fi Kristu. Fil-mument li nitgħammdu fi Kristu (billi nkunu mgħaddsa fl-ilma), aħna fl-istess waqt inkunu mgħammdin f'dan il-ġisem uniku, il-knisja ta' Kristu li ħallas għaliha b'demmu stess (Atti 20:28). Pawlu jgħid fl-Ittra lill-Kolossin, li aħna "Imsejħin f'ġisem *wieħed* (Kolossin 3:15). Aħna ma ġejniex imsejħin mill-Mulej sakemm aħna ngħaqadna f'dak il-ġisem wieħed. Il-ġisem uniku hu l-knisja, allura aħna ma nkunux imsejħin minn Alla qabel ma nsiru membri tal-knisja ta' Kristu. B'dan wieħed jifhem li l-ewwel għandu jkun fil-knisja sabiex ikun jista' jsalva. Issa, il-knisja ma ssalvaniex. Kristu Hu l-Mulej u s-Salvatur, imma Hu jsalvana fil-Knisja. Hu jżidna fil-Knisja Tiegħu meta aħna nkunu salvi, u għaliex aħna salvi. F'Efesin 5:23 naqraw li Kristu Hu s-Salvatur tal-ġisem. Il-ġisem huwa l-knisja. Allura Kristu Hu s-Salvatur tal-knisja. Jekk aħna rridu li nsalvaw, allura għandna nkunu fejn Kristu wiegħed li se jsalvana, fil-knisja Tiegħu.

Mhux biss aħna għandna nkunu fil-ġisem uniku biex insalvaw imma fil-knisja lkoll magħqudin fi Kristu. F'Efesin 2:13-19, Pawlu jargumenta li, bil-mewt Tiegħu fuq is-salib, Kristu miet biex waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna u jgħaqqadna lkoll f'ġisem wieħed fi Kristu u fil-ġisem Tiegħu, il-knisja. Bħala riżultat, il-Kristjani kollha jsibu għaqda u ħbiberija f'dan il-ġisem *wieħed*. Meta parti mill-poplu tissieħeb ma' knejjes differenti, huma jaqsmu lilhom infushom f'denominazzjonijiet differenti. Kultant dawn id-deno-minazzjonijiet jopponu lil xulxin u juru

spirtu kompe-titiv. Dan hu kontra t-tagħlim ta' Alla. Kull min jemmen u hu mgħammed *Skritturalment*, jiġifieri, mgħammed għall-maħfra ta' dnubietu u mhux mgħammed għaliex kien diġa' salv bil-fidi jew mgħammed bħala tarbija, għandu jkun membru tal-ġisem wieħed, ta' l-istess knisja waħda! Kulħadd għandu jkun magħqud ma' l-istess Mulej, ikollu l-istess fidi, jemmen u jipprattika l-istess ħaġa, u jadura bl-istess mod Skritturali. Din hija l-għaqda li Kristu talab għaliha fi Ġwanni 17. L-għaqda qatt ma tista' ssir fid-dinja, sakemm in-nies tad-dinja jibqgħu jaċċettaw li reliġjon jew knisja waħ-da hija tajba daqs reliġjon jew knisja oħra, li l-knejjes kollha huma skond l-Iskrittura Mqaddsa, u li persuna tista' ssalva billi tissieħeb ma' liema knisja hija trid. L-għaqda tista' ssir biss billi naċċettaw il-vera knisja unika tat-Testment il-Ġdid u, permezz ta' ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, aħna nkunu salvi u miżjuda fiha mill-Mulej. Meta nsiru membri tal-ġisem ta' Kristu, imbagħad inkunu salvi, u magħ-qudin mal-Kristjani l-oħra kollha li wkoll huma ta' l-istess ġisem. Din hi l-istampa tal-knisja ta' Kristu li hi mogħtija fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa!

Denominazzjonaliżmu, kif jeżisti fid-dinja llum, huwa kontra t-tagħlim ta' Alla. L-ewwel ħaġa, id-denominazzjonijiet huma differenti u diversi. Xi wħud minnhom bdew xi sekli ilu, waqt li oħrajn bdew riċentament. Kull denominazzjoni għandha l-fundatur uman tagħha u kważi kollha għandhom kap uman. Bliet dif-ferenti fid-dinja llum huma l-kwartieri ġenerali, jew iċ-ċentru ta' awtorità ta' ċerti knejjes.

Mhux biss dawn huma differenti għall-post oriġinali tagħhom għall-fundatur tagħhom, imma d-denominazzjoniet kollha ma jaqblux fid-duttrina tagħhom, ma jaqblux fl-organizzazzjoni tagħhom tal-knisja, ma jaqblux fil-prattika tagħhom tar-reliġjon, u ma jaqblux ukoll fil-forma ta' qima u missjoni tagħhom. Denominazzjoni, allura, isservi biss biex tifred u mhux biex tgħaqqad. Din pjuttost aktar tħawwad milli tgħaqqad u tgħallem il-verità. Ħafna niex sinċiera huma konfużi, minħabba li hemm tant reliġjonijiet differenti llum, u li kull waħda ssostni li hija t-tajba u l-vera knisja ta' Kristu. Mhux hekk biss, u din hija l-aktar waħda perikoluża, li xi wħud igħall-mu lid-denominazzjonijiet kollha flimkien jagħmlu l-knisja ta' Kristu! Din hija dagħwa kbira għaliex lil Alla huma qegħdin jagħmluh Alla tad-diżordni u mhux Alla tas-sliem (1 Korintin 14:33). Madankollu, denominazzjoni tikkontradixxi lil l-oħra. Waħda tipprattika dak li l-oħra tikkundanna. Ċertament li dan mhux sewwa. Il-Bibbja ma tawtorizzax dan. GĦal-hekk, sabiex inkunu nistgħu naraw u nkunu ċerti liema hija l-vera knisja ta' Kristu, aħna għandna nirrikorru lejn it-Testment il-Ġdid u nitgħallmu li hemm knisja waħda, u li aħna lkoll għandna nkunu membri tagħha. Denominazzjonaliżmu, bil-firda li teżisti, settet, u ħafna affarijiet oħra, ikissru u jmorru kontra t-tagħlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa li jgħaqqad u jġib il-għaqda. Qabel ma Sidna Ġesù Kristu ħalla d-dinja, Hu talab sabiex id-dixxipli Tiegħu "jkunu lkoll ħaġa waħda" (Ġwanni 17:20). Denominazzjonaliżmu jtawwal il-firda, jinkoraġġixxi l-firda, u jqanqal ġlied reliġjuż u

rivalità xiżmatika. Dan iħawwad u jqarraq ħafna nies sinċiera u nies onesti, li jkunu qegħdin ifittxu l-verità. Mhux it-tagħlim li tgħallem il-Bibbja li jikkawża l-firda imma dak li ma tgħallimx il-Bibbja jikkawża din il-firda u differenza fit-tagħlim u fit-twemmin!

Il-knisja ta' Kristu mhijiex denominazzjoni. Hija kontra d-denominazzjonaliżmu. Bħala ġisem reliġjuż, il-knisja ta' Kristu la hija Kattolika Rumana, u lanqas Protestanta jew Lhudija. Il-knisja ta' Kristu hija dik li kienet fl-ewwel seklu; tippriedka l-istess Evanġelju, u tħeġġeġ lil min jemmen, biex ikun ubbidjenti lejn l-istess kondizzjonijiet tas-salvazzjoni. Meta aħna nagħmlu dan, il-Mulej iżidna fil-knisja tiegħu u mhux iżidna f'xi waħda mid-denominazzjonijiet li aħna nkunu nixtiequ! Imbagħad ma nkunux ħlief Kristjani skond it-Testment il-Ġdid, ma nkunu f'ebda denominazzjoni, u membri biss tal-ġisem *uniku* ta' Kristu. Ġesù jgħidilna

> "*Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla*" (Luqa 8:11),

Jekk iż-żerriegħa, il-Kelma ta' Alla tkun miżrugħa fil-qlub tan-nies, ix-xitla spiritwali li titla' hija Kristjani biss u ebda membri ta' xi denominazzjoni!

Hija reliġjon jew knisja tajba daqs oħra? Il-Bibbja twieġeb għal din il-mistqosija bil-qawwa kollha, "Le." Il-knisja li l-Mulej ta ħajtu għaliha u xerred demmu fuq il-Kalvarju, hija bil-wisq aktar superjuri minn kull denominazzjoni li l-bniedem beda.

Allura aħna nitolbuk biex tistudja l-Bibbja li hija l-Kelma ta' Alla (Rumani 1:16; 1 Timotju 3:16, 17; 2

Korintin 2:13). Tgħallem x'tagħllem dwar Kristu u l-knisja Tiegħu. Emmen fil-Mulej Ġesù Kristu, u b'mod sinċier indem minn dnubietek, stqarr lil Ġesù Kristu quddiem kulħadd, u tgħammed għall-maħfra ta' dnubietek. Din hija s-sistema tal-Kelma ta' Alla, L-UNIKA sistema li inti tista' ssalva ruħek biha. Meta tagħmel dan, inti tkun miżjud fil-knisja ta' Kristu mill-Mulej innifsu.

## KONKLUŻJONI

Jekk reliġjon waħda, jew knisja, hija tajba daqs oħra, allura ara tistax timmaġina dan li ġej:

**IMMAĠINA DAN JEKK TISTA'!**

| | |
|---|---|
| Pietru | Kattoliku Ruman |
| Pawlu | Metodist |
| Ġwanni | Mormon |
| Mattew | Kattoliku Ortodoss |
| Ġakbu | Presbiterjan |
| Ġuda | Pentekostali |
| Indri | Xhieda ta' Jehovah |
| Tumas | Reliġjon Lhudija |
| Filippu | Avventist tas-Seba' Jum |
| Xmun | Mawmettan |
| Bartilmew | Luteran |
| Ġuda Iskarjota | Jaħseb li knisja waħda hija tajba daqs oħra |
| Mattija | Buddista |
| Barnaba | Anglikan |
| Sila | Born Again |
| Hananija | Battista |
| Eċċ, eċċ, eċċ. | |

Dan jidher li hu bluha mhux hekk? GĦaliex huwa bluha? GĦaliex ma kienx hemm denominazzjonijiet fi żmien l-appostli, u ebda denominazzjoni m'għandha xi awtorità tal-Bibbja għall-eżistenza tagħha ISSA! Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu qal,

> "*Jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Mattew 16:18)

U l-Bibbja tgħid,

> "*Il-knejjes ta' Kristu jsellmulkom*" (Rumani 16:16).

Il-"knejjes ta' Kristu" ma kinux denominazzjonijiet differenti imma kienu kongregazzjonijiet imxerrdin ma' kullimkien. Il-knisja ta' Kristu hija l-unika waħda awtorizzata fil-Bibbja Mqaddsa tiegħek. L-appostli KOLLHA kienu jappartjenu għal dik il-knisja ta' Kristu, mela ħalli aħna lkoll inkunu biss Kristjani u nwarrbu kull knisja barra l-knisja tal-Mulej, dik li nsibuha u naqraw dwarha fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa.

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:**

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**
jew: **www.churchofchristmalta.com**